II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Settembru 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007, u Att Finali

(2007/745/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 150 (4) u 157 (3), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300 (2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha, tipprevedi li l-programm ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li huma partijiet fil-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-Televiżjoni bejn il-Fruntieri minbarra l-pajjiżi ta' l-EFTA li huma parti mill-Ftehim taż-ŻEE u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi ta' approprjazzjonijiet supplimentari, skond il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim bejn il-partijiet ikkonċernati.

(2) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem il-Komunità Ewropea, Ftehim biex tippermetti lill-Konfederazzjoni Żvizzera li tipparteċipa fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007 u Att Finali għal dak il-Ftehim.

(3) In-negozjati ġew konklużi fit-2 ta' Lulju 2007 billi ġie inizjalat abbozz ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u Att Finali.

(4) L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprevedi li għandu jiġi applikat b'mod provviżorju sa l-1 ta' Settembru 2007.

(5) Soġġett għall-konklużjoni f'data iktar tard, il-Ftehim u l-Att Finali għandhom jiġu ffirmati,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar u l-applikazzjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u Att Finali, hu permezz ta' dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

[1] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.

It-test tal-Ftehim u ta' l-Att Finali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill u permezz ta' dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw dan il-Ftehim u l-Att Finali f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Settembru 2007.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 8 tal-Ftehim.

Artikolu 5

Il-Ftehim huwa marbut mas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera ffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u konklużi mid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE ta' l-4 ta' April 2002 [1].

Dan il-Ftehim mhux se jiġi estiż jew innegozjat mill-ġdid skond l-Artikolu 12 tiegħu f'każ li l-Ftehimiet imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jkunu ġew mitmuma.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PINHO

[1] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.